**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 01/2019

**It-Tlieta 2 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
L-Avv. Dott. Alessandro Lia – Kummissarju tal-Ġustizzja

## Minuti

Il-Kunsillier u eventwalment Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa bħala l-Kunsillier anzjan kif stipulat fl-Att 363 Artiklu 2.

### 01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

01.01.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda apoloġija.

### 01.2 Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku.

01.02.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għar-riżultat uffiċċjali kif ippublikat mill-Kummissjoni Elettorali għall-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar il-25 ta' Mejju 2019 fejn staqsa lill-Kunsillier Dean Hili jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. **(Dok. 1)**

01.02.2 Il-Kunsillier Dean Hili wieġeb fl-affermattiv u ppreżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bħala aċċettazzjoni. **(Dok. 2)**

01.02.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg stieden lill-Avukat Dott. Lia, Kummissarju tal-Ġustizzja, biex tagħti l-Ġurament tal-Ħatra ta' Sindku lis-sur Dean Hili.

01.02.4 Wara l-għoti tal-Ġurament, is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-kumplament tal-laqgħa fil-vesti ta' Sindku.

### 01.3 Dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku.

01.03.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għar-riżultat uffiċċjali kif ippublikat mill-Kummissjoni Elettorali għall-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar il-25 ta' Mejju 2019 fejn staqsa lill-Kunsillier Omar Elaref Arab jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

01.03.2 Il-Kunsillier Omar Elaref Arab wieġeb fl-affermattiv u ppreżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bħala aċċettazzjoni. **(Dok. 3)**

01.03.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg stieden lill-Avukat Dott. Lia, Kummissarju tal-Ġustizzja, biex tagħti l-Ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku lis-sur Omar Elaref Arab.

01.03.4 Wara l-għoti tal-Ġurament, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kompla l-kumplament tal-laqgħa fil-vesti ta' Viċi Sindku.

### 01.4 Il-laqgħat tal-Kunsill.

01.04.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew jinżammu l-aħħar Ħamis ta' kull xahar sakemm ma jkunx hemm każijiet t'urġenza li jitolbu mod ieħor. Il-kelliem ippropona wkoll li matul ix-xhur tas-Sajf, abbażi ta' Artiklu 43 tal-Att 363, il-laqgħat għandhom isiru fis-2.30pm filwaqt li matul ix-xhur tax-xitwa dawn għandhom jibdew fil-5.30pm.

01.04.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

01.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.5 Firmatarji fuq kontijiet bankarja.

01.5.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għandu jkun firmatarju fuq il-kontijiet bankarja tal-Kunsill minflok il-Kunsillier Raymond Lanzon, bil-parametri jibqgħu kif kienu, jiġifieri li kull transazzjoni trid tkun iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, akkumpanjata mill-firma tas-Sindku Dean Hili jew tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

01.5.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.6 Ħatra ta' Kumitati.

01.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal Artiklu 33A tal-Att 363 fejn ippropona responsabbiltajiet lil kull membru elett. **(Dok. 4)**

01.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.6.4 Għalhekk il-membri kollha aċċettaw ir-responsabbiltajiet kif assenjata lilhom mis-Sindku Dean Hili.

01.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għall-Artiklu 33A tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap 363) fejn fakkar lil kull Kunsillier li għandu dritt li jaħtar sottokumitat, u minn fost il-membri ta' dan is-sottokumitat għandu jinħatar segretarju, li fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli, liema rapporti għandhom jiġu inklużi fir-Rapport Amministrattiv.

## 01.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

01.07.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2019 fis-2:30pm.

Konfermati, illum 23 ta' Lulju, 2019

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok 1

# COUNCILS ELECTION

**Select Year :** 2019 ▼

## Local Council Election - 2019




## Election Summary 2019

| | | |
|---|---|---|
| Date | | 25/05/2019 |
| Registered Voters | | 433,596 |
| Votes Cast | 271,569 | 62.6% |
| Valid Votes | 259,674 | 95.6% |
| Invalid Votes | 11,895 | 4.4% |

**Select Area :** PEMBROKE ▼

# 2019 Local Council Election - Pembroke




## Pembroke Summary 2019

### View Candidates

| | | |
|---|---|---|
| Seats | | 5 |
| Quota | | 336 |
| Registered Voters | | 3,229 |
| Votes Cast | 2,117 | 65.6% |
| Valid Votes | 2,011 | 95.0% |
| Invalid Votes | 106 | 5.0% |

View Results

# ELECTED CANDIDATES

Hili, Dean

Partit Laburista

Vella Brincat, Desiree'

Partit Nazzjonalista

Cesare, Charles

Partit Nazzjonalista

Arab, Omar Elaref

Partit Laburista

Lanzon, Raymond

Partit Laburista

Dok 2

Indirizz: Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pemboke, PBK 1776.

Data: 2 ta' Lulju 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Pembroke

Lis-Segretarju Eżekuttiv,

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

Jiena, Dean Hili, (I.D. Numru 212288 (M)) li noqgħod 7, 'Ranges', Triq Madre Margherita De Brincat, Pembroke, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-Kariga ta' Sindku tal-Kunsill ta' Pembroke.

Dejjem Tiegħek,

Firma: ______________________

Dean Hili: Sindku

Data tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali meta ġiet aċċettata l-kariga: 2 ta' Lulju 2019

Dok 3

Indirizz: **Kunsill Lokali Pembroke**
**Triq Alamein**
**Pemboke, PBK 1776.**

**Data:** **2 ta' Lulju 2019**

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**

**Lis-Segretarju Eżekuttiv,**

**AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA**

**Jiena, Omar Elaref Arab, (I.D. Numru 198494(M)) li noqgħod Dr. C, Flat 10, Juno Flats, Triq Juno, Pembroke, permezz ta' din l-ittra qiegħed nikkonferma li qed naċċetta l-Kariga ta' Viċi-Sindku tal-Kunsill ta' Pembroke.**

**Dejjem Tiegħek,**

**Firma:** ______________________

**Omar Elaref Arab: Viċi-Sindku**

**Data tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali meta ġiet aċċettata l-kariga: 2 ta' Lulju 2019**

Dok 4

# Is-Sindku Dean Hili

## 1. L-Ambjent

- sabiex jitfasslu programmi u inizjattivi favur l-ambjent u sabiex f'kull inizjattiva tal-Kunsill u oħrajn minn entitajiet oħra, jiġi mitqies l-impatt ambjentali.
- Sorveljanza fuq tfassil tal-kuntratti u l-operat tal-kuntratturi magħżula mill-aspett ambjentali.
- Liaison mal-entitajiet u l-NGOs li jaħdmu favur l-ambjent partikularment dawk li jinvolvu ruħhom fil-lokalita` u t-temi li jolqtuha.
- Tfassil ta' rappreżentazzjonijiet lill-PA fuq proġetti li jħallu impatt ambjentali fil-lokalita, u koordinament mal-entitajiet fir-rigward, inkluż NGOs u l-entitajiet governattivi

## 2. L-Infrastruttura

- Koordinament mal-kuntratturi u professjonisti tal-Kunsill fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti fil-lokalita, u mal-entitajiet governattivi fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Gvern fil-lokalita.
- Ħarsien ta' ġonna, playinfields, play equipment, outdoor gyms u outdoor furniture.
- Manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku.

## 3. Proġetti

- Żamma fid-deadlines ta' proġetti tal-Kunsill
- Punt ta' referenza bejn il-Kunsill u proġetti proposti għall-lokalita` minn entitajiet/żviluppaturi.

## 4. Iż-Żgħażagħ u Tfal

- Relazzjoni mal-entitajiet tal-lokalita, inkluż clubs sportivi, scouts, u NGOs li jaħdmu fil-qasam.
- Kontribut fl-attivitajiet li jolqtu ż-żagħżagħ u t-tfal fil-lokalita'.

# Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab

## 1. L-Integrazzjoni Soċjali

- Tfassil ta' programm li permezz tiegħu il-Kunsill iqarreb lejh ċittadini tiegħu minn sfond soċjali, etnicita jew reliġjon.

- Jiġu esplorati programmi fuq livell nazzjonali mal-aġenziji governattivi li jaħdmu fil-qasam.

## 2. Sports u Attivitajiet Fiżiċi

- Tfassil u tħejjija għal-attivitajiet sportivi fil-lokalita', inkluż suġġerimenti dwar arranġamenti tat-traffiku matul attivitajiet simili.
- Tfassil ta' programmi li jippromwovu l-isport fil-lokalita`.

### 3. L-Innovazzjoni

- Proċessar tal-informazzjoni inkluż IT u l-Web Page tal-Kunsill, u il-paġna fuq Facebook.
- Tfassil ta' pjanijiet innovattivi li jippromwovu l-provvista ta' servizz aqwa liċ-ċittadin.
- Tfassil ta' materjal stampat li jiġi iċċirkolat minn żmien għal żmien u skond il-ħtiġijiet tal-Kunsill

## Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat

### 1. L-Edukazzjoni

- Promozzjoni tal-edukazzjoni, il-qari u l-librerija tal-Kunsill u kif din tista` tkompli tikber.
- Ħarsien ta' bini storiku.
- Koordinament ta' programmi ta' Life Long Learning u skemi oħrajn imħabbra minn żmien għal żmien.

### 2. Il-Ħarsien tal-Annimali

- Attivitajiet u inizjattivi favur il-ħarsien, il-kura, id-drittijiet u ż-żamma tajjeb tal-annimali.
- Skemi mħabbra mill-gvern f'dan il-qasam, u iffaċilitar fl-aċċess għalihom.
- Programmi edukattivi dwar il-ħarsien tal-annimali u laqgħat pubbliċi dwar is-suġġett.

## Il-Kunsillier Charles Cesare

### 1. L-Indafa

- Koordinament mad-direttorat tat-tindif u programmi edukattivi fil-lokalita` favur l-indafa.
- Infurzar ta' ligijiet in konnessjoni ma infrazzjonijiet ambjentali u koordinament mal-entitajiet inkluż il-Pulizija u LESA dwar temi ambjentali.
- Koordinament mas-settur kummerċjali fir-rigward tal-gbir tal-iskart.
- Rappurtar lil Kunsill dwar il-kuntratti u l-kuntratturi tal-Kunsill fl-operat taghhom f'dak li għandu x'jaqsam mat-tindif fil-lokalita`.
- Ħidma mal-contracts manager sabiex jiġu identifikati nuqqasijiet fis-servizzi provduti lil Kunsill.

### 2. Il-Kultura

- Tfassil tal-programmi relatati mal-attivitajiet kulturali fil-lokalita`, inkluż Jum Pembroke u l-Halloween.

# Il-Kunsillier Raymond Lanzon

## 1. L-Anzjani

- L-anzjani, il-ħtiġijiet tagħhom u attivitajiet immirati għalihom.
- Għarfien dwar programmi, seminars u fondi li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-anzjani fil-lokalita`, programmi nazzjonali li jiffaċilitaw il-hajja tal-anzjani
- It-twettieq tal-proġett ta' Day Care Center għal-anzjani fil-lokalita`.

## 2. Komunitajiet

- Liaison u punt ta' referenza bejn il-Kunsill u l-parroċċa fil-lokalita`.
- Attivitajiet u programmi konġunti bejn il-Knisja u l-Kunsill u kif it-tnejn flimkien jistgħu jaħdmu flimkien, b'mira partikolari lejn il-komunità anzjana fil-lokalita`.

## 3. Il-Qasam Soċjali

- Ħarsien tad-drittijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali, single parents u dawk vulnerabbli f'kull sens.
- Il-housing soċjali u l-ħtiġijiet taz-zoni msemmija, inkluż sorveljar ta' xogħlijiet fl-akwati.